

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/888**tat-22 ta' Mejju 2017**

li temenda d-Deċiżjoni 2003/467/KE fir-rigward tal-istatus ħieles mit-tuberkulożi tar-reġjun tal-Umbria fl-Italja u tal-istatus ħieles mil-lewkożi enzootika bovina tal-Polonja, li temenda d-Deċiżjoni 2004/558/KE fir-rigward tal-istatus ħieles mir-rinotrakeite bovina infettiva tal-Ġermanja, u li temenda d-Deċiżjoni 2008/185/KE fir-rigward tal-istatus ħieles mill-marda ta' Aujeszky ta' ċerti reġjuni tal-Polonja u l-approvazzjoni tal-programm ta' eradikazzjoni għall-marda ta' Aujeszky għar-reġjun tal-Veneto fl-Italja

*(notifikata bid-dokument C(2017) 3239)***(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 64/432/KEE tas-26 ta' Ġunju 1964, dwar il-problemi tas-saħħa tal-annimali li jaffettwaw il-kummerċ ta' annimali bovini u suwini ġewwa l-Komunità ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(2) u 10(2), u l-paragrafu 4 tal-Anness A.I u t-Taqsima E tal-Kapitolu I tal-Anness D tagħha,

Billi:

- (1) Id-Direttiva 64/432/KEE tistipula regoli għall-kummerċ fi ħdan l-Unjoni ta' annimali bovini u porċini, u l-kundizzjonijiet li permezz tagħhom Stat Membru jew reġjun tiegħu jista' jiġi ddikjarat uffiċjalment ħieles mit-tuberkulożi jew uffiċjalment ħieles mil-lewkożi enzootika bovina fir-rigward tal-merħliet bovini.
- (2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/467/KE ⁽²⁾ tistipula li r-reġjuni tal-Istati Membri elenkati fil-Kapitolu 2 tal-Anness I tagħha jiġu ddikjarati uffiċjalment ħielsa mit-tuberkulożi fir-rigward tal-merħliet bovini. L-Italja ressqet quddiem il-Kummissjoni dokumentazzjoni li turi li r-reġjun tal-Umbria jikkonforma mal-kundizzjonijiet stabbiliti fid-Direttiva 64/432/KEE biex ikun rikonoxxut bħala reġjun uffiċjalment ħieles mit-tuberkulożi fir-rigward tal-merħliet bovini. Konsegwentement, ir-reġjun tal-Umbria għandu jiġi elenkat fil-Kapitolu 2 tal-Anness I tad-Deċiżjoni 2003/467/KE. L-Anness I tad-Deċiżjoni 2003/467/KE għandu għalhekk jiġi emendat skont dan.
- (3) Barra minn hekk, id-Deċiżjoni 2003/467/KE tippredvi li l-Istati Membri u r-reġjuni tagħhom elenkati fil-Kapitolu 1 u 2 tal-Anness III tagħha jiġu ddikjarati uffiċjalment ħielsa mil-lewkożi enzootika bovina fir-rigward ta' merħliet bovini. Ir-reġjuni kollha tal-Polonja, bl-eċċezzjoni ta' disa' povjati tal-provinċja ta' Zachodniopomorskie, bħalissa huma elenkati f'dik id-Deċiżjoni bħala reġjuni uffiċjalment ħielsa mil-lewkożi enzootika bovina. Il-Polonja issa ressqet dokumentazzjoni lill-Kummissjoni li turi li dawn id-disa' povjati li baqa' jikkonformaw mal-kundizzjonijiet stabbiliti fid-Direttiva 64/432/KEE biex b'hekk titqies bħala uffiċjalment ħielsa mil-lewkożi enzootika bovina fir-rigward tal-merħliet bovini. Għaldaqstant, il-Polonja applikat biex it-territorju kollu tagħha jiġi rikonoxxut bħala uffiċjalment ħieles mil-lewkożi enzootika bovina.
- (4) Għalhekk, il-Polonja għandha tiġi elenkata bħala Stat Membru ħieles mil-lewkożi bovina enzootika fil-Kapitolu 1 tal-Anness III tad-Deċiżjoni 2003/467/KE, u l-entrata għal dak l-Istat Membru fil-Kapitolu 2 ta' dak l-Anness għandha titħassar. L-Anness III tad-Deċiżjoni 2003/467/KE għandu għalhekk, jiġi emendat skont dan.
- (5) L-Artikolu 9 tad-Direttiva 64/432/KEE jipprevedi li Stat Membru li għandu programm nazzjonali obligatorju ta' kontroll għar-rinotrakeite bovina infettiva jew għall-marda ta' Aujeszky jista' jippreżenta l-programm tiegħu lill-Kummissjoni għall-approvazzjoni. Jipprevedi wkoll li jistgħu jkun meħtieġa garanziji addizzjonali għall-kummerċ intra-Unjoni ta' annimali bovini u porċini.
- (6) L-Artikolu 10 tad-Direttiva 64/432/KEE jipprevedi li meta Stat Membru jqis li t-territorju tiegħu, jew parti minnu, ikun ħieles mir-rinotrakeite bovina infettiva jew mill-marda ta' Aujeszky, dan għandu jippreżenta d-dokumentazzjoni ta' sostenn xierqa lill-Kummissjoni. Jipprevedi wkoll li jistgħu jkun meħtieġa garanziji addizzjonali għall-kummerċ intra-Unjoni ta' annimali bovini u porċini.

⁽¹⁾ ĠU 121, 29.7.1964, p. 1977/64.

⁽²⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/467/KE tat-23 ta' Ġunju 2003 li tistabbilixxi l-kwalifika ta' uffiċjalment ħielsa mit-tuberkulożi, bruċellożi u lewkożi bovina enzootika ta' xi Stati Membri u reġjuni fl-Istati Membri rigward annimali bovini (ĠU L 156, 25.6.2003, p. 74).

- (7) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/558/KE ⁽¹⁾ tapprova l-programmi għall-kontroll u l-qerda tar-rinotrakeite bovina infettiva kkawżata mill-herpesvirus bovin tat-tip 1 (BHV1) ippreżentati mill-Istati Membri elenkati fl-Anness I tagħha għar-reġjuni ta' daww l-Istati Membri elenkati f'dak l-Anness u li għalihom japplikaw il-garanziji addizzjonali għar-rinotrakeite bovina infettiva f'konformità mal-Artikolu 9 tad-Direttiva 64/432/KEE. Barra minn hekk, l-Anness II tad-Deċiżjoni 2004/558/KE jelenka r-reġjuni tal-Istati Membri li huma meqjusa bħala ħielsa mill-BHV1 u li għalihom japplikaw il-garanziji addizzjonali għar-rinotrakeite bovina infettiva f'konformità mal-Artikolu 10 tad-Direttiva 64/432/KEE.
- (8) Bħalissa r-Regierungsbezirke ta' Cologne u Düsseldorf tal-Istat Federali tat-Tramuntana tar-Renu-Westfalja huma elenkati fl-Anness I tad-Deċiżjoni 2004/558/KE. Dawn iż-żewġ reġjuni huma l-aħħar reġjuni tal-Ġermanja li fadal li għadhom ma gēwx rikonnoxxuti bħala li huma ħielsa mill-BHV1.
- (9) Il-Ġermanja issa ppreżentat id-dokumentazzjoni ta' sostenn lill-Kummissjoni sabiex ir-Regierungsbezirke ta' Cologne u Düsseldorf jiġu kkunsidrati bħala ħielsa mill-BHV1. Konsegwentement, il-Ġermanja applikat biex it-territorju sħiħ tagħha jiġi kkunsidrat bħala ħieles mill-BHV1, u biex il-garanziji addizzjonali għar-rinotrakeite bovina infettiva japplikaw għalih f'konformità mal-Artikolu 10 tad-Direttiva 64/432/KEE.
- (10) Wara l-evalwazzjoni tad-dokumentazzjoni ta' sostenn imressqa mill-Ġermanja, ir-Regierungsbezirke ta' Cologne u Düsseldorf ma għandhiex tibqa' elenkata fl-Anness I tad-Deċiżjoni 2004/558/KE, u l-entrata għall-Ġermanja fl-Anness II tagħha għandha tiġi emendata sabiex ikopri r-reġjuni kollha ta' dak l-Istat Membru. L-Annessi I u II tad-Deċiżjoni 2004/558/KE għandhom għalhekk jiġu emendati skont dan.
- (11) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/185/KE ⁽²⁾ tistabbilixxi garanziji addizzjonali għall-movimenti tal-annimali porċini bejn Stat Membru u ieħor. Daww il-garanziji huma marbuta mal-klassifikazzjoni tal-Istati Membri skont l-istatus tagħhom tal-mard għall-marda ta' Aujeszky. L-Anness I tad-Deċiżjoni 2008/185/KE jelenka l-Istati Membri jew ir-reġjuni tagħhom li huma ħielsa mill-marda ta' Aujeszky u fejn it-tilqim huwa pprobit, u l-Anness II tagħha jelenka l-Istati Membri jew ir-reġjuni tagħhom fejn il-programmi ta' kontroll nazzjonali approvati għall-eradikazzjoni tal-marda Aujeszky huma fis-seħħ.
- (12) L-Italja ssottomettiet lill-Kummissjoni dokumentazzjoni ta' sostenn għall-approvazzjoni tal-programm ta' kontroll tagħha għall-eradikazzjoni tal-marda ta' Aujeszky għar-reġjun tal-Veneto, u biex dak ir-reġjun jiġi elenkat b'mod dovut fl-Anness II tad-Deċiżjoni 2008/185/KE. Wara l-evalwazzjoni tad-dokumentazzjoni ta' sostenn ippreżentata mill-Italja, ir-reġjun tal-Veneto għandu jiġi elenkat fl-Anness II tad-Deċiżjoni 2008/185/KE. L-Anness II tad-Deċiżjoni 2008/185/KE għandu għalhekk jiġi emendat skont dan.
- (13) Bħalissa t-territorju kollu tal-Polonja huwa elenkat fl-Anness II tad-Deċiżjoni 2008/185/KE. Il-Polonja issa ressqet lill-Kummissjoni d-dokumentazzjoni ta' sostenn biex ir-reġjuni ta' augustowski, białostocki, Białystok, bielski, hajnowski, moniecki, sejneński, siemiatycki, sokółski, suwalski u Suwałki jiġu kkunsidrati bħala ħielsa mill-marda ta' Aujeszky, u biex daww ir-reġjuni jkun debitament elenkati fl-Anness I tad-Deċiżjoni 2008/185/KE. B'segwitu għall-evalwazzjoni ta' dik id-dokumentazzjoni ta' sostenn, dawn ir-reġjuni m'għandhomx jibqgħu elenkati fl-Anness II tad-Deċiżjoni 2008/185/KE, iżda minflok għandhom jiġu elenkati fl-Anness I tagħha. L-Annessi I u II tad-Deċiżjoni 2008/185/KE għandhom għalhekk jiġu emendati skont dan.
- (14) Id-Deċiżjonijiet 2003/467/KE, 2004/558/KE u 2008/185/KE għandhom għalhekk jiġu emendati skont dan.
- (15) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOOTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Annessi I u III tad-Deċiżjoni 2003/467/KE huma emendati skont l-Anness I ta' din id-Deċiżjoni.

⁽¹⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/558/KE tal-15 ta' Lulju 2004 li timplimenta d-Direttiva tal-Kunsill 64/432/KEE li tirrigwarda garanziji addizzjonali għan-negozju intra-Komunitarju ta' annimali bovini relatati mar-rinotrakeite bovina infettiva u l-approvazzjoni tal-programmi ta' qerda ppreżentati minn ċerti Stati Membri (ĠU L 249, 23.7.2004, p. 20).

⁽²⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/185/KE tal-21 ta' Frar 2008 dwar garanziji addizzjonali f'kummerċ intra-Komunitarju tal-majjal rigward il-marda ta' Aujeszky, u kriterji sabiex jipprovdur informazzjoni dwar din il-marda (ĠU L 59, 4.3.2008, p. 19).

Artikolu 2

L-Annessi I u II tad-Deċiżjoni 2004/558/KE huma emendati skont l-Anness II ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 3

L-Annessi I u II tad-Deċiżjoni 2008/185/KE huma emendati skont l-Anness III ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Mejju 2017.

Għall-Kummissjoni
Vytienis ANDRIUKAITIS
Membru tal-Kummissjoni

ANNEX I

L-Annessi I u III tad-Deċiżjoni 2003/467/KE huma emendati kif ġej:

(1) Fl-Anness I, il-Kapitolu 2, l-entrata tal-Italja tiġi sostitwita b'dan li ġej:

“Fl-Italja:

- Ir-Reġjun tal-Abruzzo: Il-Provinċja ta' Pescara,
- Il-Provinċja ta' Bolzano,
- Ir-Reġjun tal-Emilja-Romanja,
- Ir-Reġjun ta' Friuli-Venezia Giulia,
- Ir-Reġjun tal-Lazio: Il-Provinċji ta' Rieti, Viterbo,
- Ir-Reġjun tal-Liguria,
- Ir-Reġjun tal-Lombardija,
- Ir-Reġjun tal-Marche: Il-Provinċji ta' Ancona, Ascoli Piceno, Fermo, Pesaro-Urbino,
- Ir-Reġjun tal-Pjemonte,
- Ir-Reġjun ta' Sardenja: Il-Provinċji ta' Cagliari, Medio-Campidano, Ogliastra, Olbia-Tempio, Oristano,
- Ir-Reġjun tal-Toskana,
- Il-Provinċja ta' Trento,
- Ir-Reġjun tal-Umbrija,
- Ir-Reġjun tal-Veneto.”

(2) L-Anness III huwa emendat kif ġej:

(a) Il-Kapitolu 1 jinbidel b'dan li ġej:

“KAPITOLU 1

Stati Membri uffiċjalment ħielsa mil-lewkożi enzootika bovina

Kodiċi ISO	Stat Membru
BE	Il-Belġju
CZ	Ir-Repubblika Ċeka
DK	Id-Danimarka
DE	Il-Ġermanja
EE	L-Estonja
IE	L-Irlanda
ES	Spanja
CY	Ċipru
LV	Il-Latvja
LT	Il-Litwanja
LU	Il-Lussemburgu
NL	In-Netherlands
AT	L-Awstrija
PL	Il-Polonja

Kodiċi ISO	Stat Membru
SI	Is-Slovenja
SK	Is-Slovakkja
FI	Il-Finlandja
SE	L-Iżvezja
UK	Ir-Renju Unit"

(b) fil-Kapitolu 2, l-entrata għall-Polonja titħassar bis-sħiħ.

ANNEX II

L-Annessi I u II tad-Deċiżjoni 2004/558/KE jinbidlu b'dan li ġej:

“ANNEX I

L-Istati Membri	Ir-reġjuni tal-Istati Membri li għalihom japplikaw il-garanziji addizzjonali għar-rinotrakeite bovina infettiva f'konformità mal-Artikolu 9 tad-Direttiva 64/432/KEE
Il-Belġju	Ir-reġjuni kollha
Ir-Repubblika Ċeka	Ir-reġjuni kollha
L-Italja	Ir-Reġjun ta' Friuli-Venezia Giulia Il-Provinċja Awtonoma ta' Trento
Il-Lussemburgu	Ir-reġjuni kollha

ANNEX II

L-Istati Membri	Ir-reġjuni tal-Istati Membri li għalihom japplikaw il-garanziji addizzjonali għar-rinotrakeite bovina infettiva f'konformità mal-Artikolu 10 tad-Direttiva 64/432/KEE
Id-Danimarka	Ir-reġjuni kollha
Il-Ġermanja	Ir-reġjuni kollha
L-Italja	Ir-Reġjun ta' Valle d'Aosta Il-Provinċja Awtonoma ta' Bolzano
L-Awstrija	Ir-reġjuni kollha
Il-Finlandja	Ir-reġjuni kollha
L-Iżvezja	Ir-reġjuni kollha
Ir-Renju Unit	Il-Jersey”

ANNEX III

L-Annessi I u II tad-Deċiżjoni 2008/185/KE jinbidlu b'dan li ġej:

“ANNEX I

L-Istati Membri jew ir-reġjuni tagħhom li huma ħielsa mill-marda ta' Aujeszky u fejn huwa pprojbit it-tilqim

Kodiċi ISO	Stat Membru	Reġjuni
BE	Il-Belġju	Ir-reġjuni kollha
CZ	Ir-Repubblika Ċeka	Ir-reġjuni kollha
DK	Id-Danimarka	Ir-reġjuni kollha
DE	Il-Ġermanja	Ir-reġjuni kollha
IE	L-Irlanda	Ir-reġjuni kollha
FR	Franza	Id-dipartimenti ta' Ain, Aisne, Allier, Alpes-de-Haute-Provence, Alpes-Maritimes, Ardèche, Ardennes, Ariège, Aube, Aude, Aveyron, Bas-Rhin, Bouches-du-Rhône, Calvados, Cantal, Charente, Charente-Maritime, Cher, Corrèze, Côte-d'Or, Côtes-d'Armor, Creuse, Deux-Sèvres, Dordogne, Doubs, Drôme, Essonne, Eure, Eure-et-Loir, Finistère, Gard, Gers, Gironde, Hautes-Alpes, Hauts-de-Seine, Haute Garonne, Haute-Loire, Haute-Marne, Hautes-Pyrénées, Haut-Rhin, Haute-Saône, Haute-Savoie, Haute-Vienne, Hérault, Indre, Ile-et-Vilaine, Indre-et-Loire, Isère, Jura, Landes, Loire, Loire-Atlantique, Loir-et-Cher, Loiret, Lot, Lot-et-Garonne, Lozère, Maine-et-Loire, Manche, Marne, Mayenne, Meurthe-et-Moselle, Meuse, Morbihan, Moselle, Nièvre, Nord, Oise, Orne, Paris, Pas-de-Calais, Pyrénées-Atlantiques, Pyrénées-Orientales, Puy-de-Dôme, Réunion, Rhône, Sarthe, Saône-et-Loire, Savoie, Seine-et-Marne, Seine-Maritime, Seine-Saint-Denis, Somme, Tarn, Tarn-et-Garonne, Territoire de Belfort, Val-de-Marne, Val-d'Oise, Var, Vaucluse, Vendée, Vienne, Vosges, Yonne, Yvelines
IT	L-Italja	Il-Provinċja Awtonoma ta' Bolzano
CY	Ċipru	Ir-reġjuni kollha
LU	Il-Lussemburgu	Ir-reġjuni kollha
HU	L-Ungerija	Ir-reġjuni kollha
NL	In-Netherlands	Ir-reġjuni kollha
AT	L-Awstrija	Ir-reġjuni kollha
PL	Il-Polonja	Ir-reġjuni amministrattivi (powiaty) li ġejjin fil-provinċja ta' połaskie: augustowski, białostocki, Białystok, bielski, hajnowski, moniecki, sejneński, siemiatycki, sokółski, suwalski, Suwałki
SI	Is-Slovenja	Ir-reġjuni kollha
SK	Is-Slovakkja	Ir-reġjuni kollha
FI	Il-Finlandja	Ir-reġjuni kollha
SE	L-Iżvezja	Ir-reġjuni kollha
UK	Ir-Renju Unit	Ir-reġjuni kollha

ANNEX II

**L-Istati Membri jew reġjuni tagħhom fejn hemm fis-seħħ programmi nazzjonali ta' kontroll
approvati għall-qerda tal-marda ta' Aujeszky**

Kodiċi ISO	Stat Membru	Reġjuni
ES	Spanja	Ir-reġjuni kollha
IT	L-Italja	Ir-Reġjun ta' Friuli-Venezia Giulia Ir-Reġjun tal-Veneto
LT	Il-Litwanja	Ir-reġjuni kollha
PL	Il-Polonja	Il-provinċja ta' dolnośląskie: ir-reġjuni amministrattivi kollha; Il-provinċja ta' kujawsko-pomorskie: ir-reġjuni amministrattivi kollha; Il-provinċja ta' lubelskie: ir-reġjuni amministrattivi kollha; Il-provinċja ta' lubuskie: ir-reġjuni amministrattivi kollha; Il-provinċja ta' łódzkie: ir-reġjuni amministrattivi kollha; Il-provinċja ta' małopolskie: ir-reġjuni amministrattivi kollha; Il-provinċja ta' mazowieckie: ir-reġjuni amministrattivi kollha; Il-provinċja ta' opolskie: ir-reġjuni amministrattivi kollha; Il-provinċja ta' podkarpackie: ir-reġjuni amministrattivi kollha; Ir-reġjuni amministrattivi (powiaty) li ġejjin fil-provinċja ta' podlaskie: grajewski, kolneński, łomżyński, Łomża, wysokomazowiecki, zambrowski. Il-provinċja ta' pomorskie: ir-reġjuni amministrattivi kollha; Il-provinċja ta' śląskie: ir-reġjuni amministrattivi kollha; Il-provinċja ta' świętokrzyskie: ir-reġjuni amministrattivi kollha; Il-provinċja ta' warmińsko-mazurskie: ir-reġjuni amministrattivi kollha; Il-provinċja ta' wielkopolskie: ir-reġjuni amministrattivi kollha; Il-provinċja ta' zachodniopomorskie: ir-reġjuni amministrattivi kollha."